**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 16/2024**

**Ian Spiteri**

**Vs**

**Aviation Security Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Ian Spiteri** ippreżentat fis-26 ta' Frar 2024, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi dan huwa rikors tal-appell ta' Ian Spiteri kontra Aviation Security Malta ai termini tal-artikolu 11B tal-Liġi Sussidjarja 405.04.*

***Fatti***

*Illi l-appellant ilu jaħdem ma' Gulf Med Aviation Services Limited (C-74069) bħala Operations Supervisor and Logistics sa minn 28 ta' Awissu 2017. Illi dan ix-xogħol jirrikjedi aċċess kostanti għall-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u dan permezz ta' security pass maħruġ mill-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ai termini tal-Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Liġjiet Sussidjarji relattivi;*

*Illi l-appellanti ilu fil-pussess ta' security pass sa mill-bidu tal-impjieg tiegħu mas-soċjeta' Gulf Med Aviation Services Limited, permezz ta' liema huwa seta' jaħdem għal diversi snin għalihom b'dedikazzjoni u bżulijja mingħajr problema ta' xejn u mingħajr qatt ma kellu xi kwistjoni dixxiplinari mal-impjegatur tiegħu.*

*Illi dan ix-xogħol jipprovdi l-uniku introjtu għalieh u għal familja tiegħu li jiddependu fuqu u fuq il-paga tiegħu għall-ispejjeż ta' kuljum tagħhom.*

*Illi mingħajr ebda preavviż nhar is-7 ta' Frar 2024 l-Appellant irċieva deċiżjoni tas-Sur Saviour Aquilina, Head, Aviation Security Department permezz ta' liema is-security pass tal-appellanti ġiet irtirata. Ara dokument hawn anness u mmarkat bħala "Dok 1", aktar l-isfel imsejħa "id-deċiżjoni". Huwa saħaqq is-segwenti;*

> *Dear Mr. Spiteri,*
>
> *In accordance with Regulation 11 (1) of LN 488 of 2011 entitled Aviation Security (Background Checks) Regulations 2011, as amended by I.N 454 of 2012 and LN 27 of 2014, as an airport security pass holder you were subjected to a background check by the Head Aviation Security.*
>
> *It is regretful to inform you that the airport security pass shall be withdrawn as per Regulation 11A (1) of the Legal Notice aforementioned. From information received from the Malta Police, it results that you were convicted of an offence falling under the Second Schedule of the said Legal Notice.*
>
> *In line with article 11A (1) of the mentioned Legal Notice, an airport security pass may be issued as from 05 December 2032.*
>
> *An appeal from this decision may be made with the Administrative Review Tribunal within twenty days from date of notification of this letter according to Article 11B of the mentioned Legal Notice.*

*Għaldaqstant is-security pass tal-appellant ġiet irtirata ai termini tar-Regolament 11A(1) tal-Avviż Legali imsemmi.*

*Illi l-appellant ħassu tassew aggravat b'din id-deċiżjoni proprju għaliex dan ifisser illi wara diversi snin ta' dedikazzjoni l-uniku impjieg u l-uniku introjtu tiegħu, ser jintemmu. Għalhekk l-appellant ma kellux għażla oħra għajr li jinterponi dan l-umli appell;*

*L-aggravji huma s-segwenti;*

1. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, fid-deċiżjoni issir referenza ħażina a bażi ta' liema ġiet irtirata s-security pass tal-appellant. Il-liġi li tirregola tali security pass hija l-Liġi Sussidjarja 405.04 u mhux l-Avviż Legali 488 ta' 2011 kif emendat mill-Avviż Legali 454 ta' 2012 u l-Avviż Legali 27 ta' 2014.*

*Semmai dawn l-avviżi legali jemendaw il-liġi sussidjarja, imma ċertament ma humiex huma li jirregolaw tali security passes.*

*Saviour Aquilina jgħid ukoll fid-deċiżjoni li, "From information received from the Malta Police, it results that you were convincted of an offence falling under the Second Schedule* ***of the said Legal Notice.****". It-Tieni Skeda semmai hija tal-Liġi Sussidjarja 405.04 u mhux tal-Avviż Legali. Għalhekk ma saritx referenza korretta a bażi ta' liema s-security pass tal-appellant ġiet revokata.*

*Għaldaqstant, għal din ir-raġuni biss dan it-Tribunal għandhu umilment jilqa' l-appell odjern interpost mill-appellant.*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju, fir-revoka tas-security pass tal-appellant ma ġewx rispettati d-dettami tar-regolament 11A(1) tal-Liġi Sussudjarja 405.04. Security pass jista' jiġi revokat biss minn Manager ai termini tal-Att Dwar Sigurtà fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili. Illi jidher biċ-ċar mid-deċiżjoni li Saviour Aquilina, il-firmatarju tad-deċiżjoni, m'għandux dan it-titolu.*

   *Għaldaqstant, għal din ir-raġuni biss dan it-Tribunal għandhu umilment jilqa' l-appell odjern interpost mill-appellant.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-Tieni Skeda tal-Liġi Sussidjarja 405.04 tagħmel referenza u hija applikabbli* ***biss*** *għar-regolamenti 6 u 7 u mhux ukoll għar-regolament 11A tal-istess Liġi Sussidjarja.*

   *Illi taħt it-titolu ta' "IT-TIENI SKEDA" hemm "(Regolamenti 6 u 7)". Il-leġislatur ried li l-applikazzjoni tat-Tieni Skeda tkun għas-sitwazzjonijiet kontemplati f'dawk ir-regolamenti biss.*

   *Illi regolament 6 jgħid is-segwenti;*

   > *6. Security pass m'għandux jinħareġ jekk mill-informazzjoni mogħtija lill-Manager jirriżulta li l-applikant għandu* ***proċeduri kriminali pendenti*** *dwar xi reat elenkat fit-Tieni Skeda: Iżda, il-Manager għandu jkollu d-diskrezzjoni li ma jirtirax security pass waqt proċedimenti kriminali, jekk ikun tal-opinjoni li dak ir-reat jew dawk ir-reati ma jkollhomx effett fuq l-integrità tal-applikant fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu. [Emfasi miżjuda]*

   *Illi l-appellant ma għandhu l-ebda "proċeduri kriminali pendenti". Għaldaqstant dan ir-regolament ma japplikax għal każ odjern. Filwaqt illi r-regolament 7 jgħid is-segwenti;*

*7. Jekk mill-informazzjoni mogħtija lill-Manager jirriżulta li l-applikant ġie misjub ħati ta' xi reat elenkat fit-Tieni Skeda u l-piena mogħtija mill-Qorti kienet perjodu ta'* ***priġunerija ta' tletin xahar jew iktar****, security pass m'għandux jinħareġ. [Emfasi miżjuda]*

*Illi l-appellant ma ngħata ebda piena ta' "priġunerija ta' tletin xahar jew iktar". Għaldaqstant dan ir-regolament ma japplikax għal każ odjern.*

*Illi s-sitwazzjonijiet kontemplati fir-regolamenti 6 u 7 żgur li ma japlikawx fil-każ odjern u semmai s-security pass tal-appellant ġiet irtirata eronjament ai termini tar-regolament numeru 11A(1) u mhux regolamenti 6 jew 7. Kieku t-tieni skeda kienet applikabbli ukoll għar-regolament 11A(1), il-leġislatur kien jindika dan ir-regolament ukoll fil-parenteżi hekk kif għażel li jindika r-regolamenti 6 u 7.*

*Illi hawnhekk jiġi sottomess il-priċipju kardinali tal-ġurisdizzjoni nostrana;*

***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit****.*

*Illi l-leġislatur għażel konxjement li jindika regolament 6 u 7 b'esklużjoni tar-regolament 11A. Illi meta l-leġislatur u l-liġi trid xi ħaġa, issemmiha,* ***u meta ma tridix ma ssemijiex!*** *Għaldaqstant peress illi ir-regolament 11A ma issemmitx huwa pależi li l-leġislatur ma ridx li t-tieni skeda tkun applikabbli ukoll għar-regolament 11A.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk fl-għar ipoteżi l-argument kif sovrapropost ma jiġix milqugħ minn dan it-Tribunal, jibqa' l-fatt li ċertament u pależament hemm kunflitt u* ***dubbju*** *ċar fil-Liġi hekk kif ġiet imfasla. Għaldaqstant b'forza tal-prinċipju ta'* ***in dubbio pro reo,*** *xortawaħda d-deċiżjoni fil-konfront tal-appellant u tar-revoka tas-security pass ma tistax treġġi.*

*Għaldaqstant, għal din ir-raġuni biss dan it-Tribunal għandhu umilment jilqa' l-appell odjern interpost mill-appellant.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċizjoni ma tindikax ir-reat li allegatament l-appellant instab ħati għalieh. L-appellant qiegħed f'pożizzjoni li qas jista' jivverifika tali allegazzjonijiet proprju għaliex ma ġiex indikat tali reat. Din tpoġġi l-appellant fi żvantaġġ konsiderevoli għaliex l-awtorita' intimata;*

   i. *ma indikatx ir-reat,*

ii. *ma provditx il-background check,*

iii. *ma informatx l-appellant bil-kontenut tal-istess background check, u*

iv. *wisq anqas ma provdiet il-metodoloġija ta' tali background check.*

*Illi tali ċirkostanzi ipoġġu l-appellant fi żvantaġġ konsiderevoli u inġust. L-appellant qas jista' jivverifika jekk ir-reat allegat huwiex inkluż fit-Tieni Skeda o meno għaliex ma jafx għal liem reat qed jirreferu. Dan l-iżvantaġġ issa żgur li ma jistax jiġi issanat. Huwa pależi li f'proċeduri bħal dawn, disclosure ċara tal-fatti hija kardinali proprju sabiex jiġu rispettati l-prinċipji tal-ġustizzja fil-konfront tal-appellant.*

*Semmai trid issir prova li tali reat japplika għar-revoka odjerna.*

*Illi jiġi sottomess ukoll li l-appellant qas ingħata xi forma ta' forum sabiex jipprova jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu qabel ma tiġi revokata s-security pass tiegħu. Ċertament ma ġietx rispettat il-kunċett ta'* **Audi Alteram Partem** *u dan proprju għaliex l-appellant qatt ma ingħata l-opportunita' li jiddefendi ruħhu.*

*Għaldaqstant, għal din ir-raġuni biss dan it-Tribunal għandhu umilment jilqa' l-appell odjern interpost mill-appellant.*

**5.** *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-deċiżjoni għandha tfalli ukoll għaliex tikser id-dettami ta'* **Nemo Iudex in Causa Propria.** *Għalhekk fil-każ odjern għandna deċiżjoni fejn l-appellant ma ingħata ebda forum sabiex jiddefendi ruħhu f'kuntest fejn huwa pależi li f'dan il-każ il-judge, jury and executioner huma kollha l-istess.*

*Għaldaqstant, għal din ir-raġuni biss dan it-Tribunal għandhu umilment jilqa' l-appell odjern interpost mill-appellant.*

***<u>Talbiet</u>***

***Għal dawn ir-raġunijiet u dawk kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell l-appellant filwaqt li jirriserva li jagħmel l-osservazzjonijiet u jressaq il-provi permissibbli mil-liġi, jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jiddikjara li d-deċiżjoni tal-awtorita' intimata in data 7 ta' Frar 2024 permezz ta' liema l-intimat irrevoka s-security pass tal-appellant hija nulla u bla effett u jirrevoka u jħassar l-istess.***

Ra r-risposta ta' **Aviation Security Malta** ippreżentata fit-13 ta' Marzu 2024, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi in linea preliminari, l-esponent tecepixxi illi l-appell odjern huwa null u irritu stante illi ma jsegwix id-dettami tar-regolament 11B tal-Ligi Sussiddjarja 405.04 u dan ghaliex skont l-istess regolament, l-appell "kontra l-irtirar ta' security pass għandu jkun limitat għal waħda jew għaż-żewġ raġunijiet li ġejjin: - illi r-reat inkwistjoni mhuwiex wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda; u, jew - illi l-perjodu ta' rijabilitazzjoni previst fir-regolament 11A kien iddekorra". Mill-qari tar-rikors promotur johrog car illi l-appell m'huwiex limitat fuq dawn iz-zewg ragunijiet u kwindi ghandu jigi ddikjarat bhala irritu u null;*

2. *Illi in linea preliminari, l-appell odjern ma sarx fuq wahda jew fuq iz-zewg ragunijiet mfissra fir-regolament 11B tal-Ligi Sussidjarja 405.04 imma abbazi ta' aggravji ohra liema aggravji dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux kompetenza ratione materiae tiddeciedi dwarhom. Per konsegwenza dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jiddikjara illi m'ghandux kompetenza ratione materiae jiddeciedi l-appell odjern;*

3. *Illi fil-mertu, l-esponenti tecepixxi illi l-Ligi Sussidjarja 405.04 intitolata Regolamenti Dwar Sigurta' fl-Ajruport (Background Checks) giet promulgata permezz tal-avviz legali 488 tas-sena 2021. Ghaldaqstant jinghad safejn fl-ewwel aggravju l-appellant jallega illi d-decizjoni tas-7 ta' Frar 2024 hija monka ghaliex issemmi biss l-avviz legali u mhux il-ligi sussidjarja, li din l-allegazzjoni hija zbaljata ghaliex l-avviz legali fih innifsu ppromulga l-ligi sussidjarja in kwistjoni. Tali indikazzjoni tal-avviz legali ma tirrendix id-decizjoni tal-appellata nulla;*

   *Illi di piu' l-avviz legali ppromulga anki t-tieni skeda li wiehed isib fil-ligi sussidjarja 405.04;*
   *Jinghad allura illi apparti li dan l-aggravju huwa zbaljat, huwa wiehed pjuttost superficjali jekk mhux assurd;*

4. *Illi l-esponenti tirrileva illi t-tieni aggravju tal-appellant fejn jallega li d-decizjoni tas-7 ta' Frar 2024 hija wahda monka ghaliex ittiehdet mill-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni u mhux mill-manager huwa wkoll zbaljat. Il-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni huwa definit fl-artikolu 2 tal-Kap. 405 tal-Ligijiet ta' Malta fejn testwalment huwa mfisser bhala "dak l-uffiċjal pubbliku li jinħatar mill-Ministru biex ikun* ***<u>responsabbli għat-tmexxija b'mod ġenerali u għall-kontroll tas-sigurtà fl-avjazzjoni f'ajruporti speċifiċi u tinkludi kull uffiċjal pubbliku fid-dipartiment tiegħu li hekk jinħatar minnu għall-għanijiet ta' dan l-Att</u>***. *Il-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni u d-dipartiment tiegħu huma l-awtorità xierqa maħtura għal Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili f'Malta għall-finijiet talArtikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru. 300/2008 u għall-Anness tarRegolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 18/2010";*

*Illi kwindi m'ghandux ikun hemm dubju illi l-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni kellu l-vires illi johrog id-decizjoni tas-7 ta' Frar 2024;*

5. *Illi fir-rigward tat-tielet aggravju tal-appellant, u cjoe' illi fil-fehma tar-rikorrent it-tieni skeda tapplika ghal sitwazzjonijiet elenkati biss fir-regolament 6 u 7, l-esponenti tirrileva illi huwa r-regolament 11A (1) tal-L.S. 405.04 li jaghmel referenza diretta ghat-tieni skeda u kwindi ghar-reati kontemplati f'dik l-iskeda. Il-legislatur ried, u fisser dan b'mod ampju u car, illi r-reati mnizzla fit-tieni skeda tal-L.S. 405.04 jkunu dawk ir-reati illi jcahhdu persuna milli zzomm security pass meta moqrija fl-isfond tar-regolament 11A (1) tal-L.S. 405.04 u kwindi l-principju massimu legali* ***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit*** *japplika semmai favur it-tezi tal-appellata u mhux vice versa;*

   *Illi m'hemm ebda dubju dwar kif u come l-Ligi giet mfassla. Oltre' minn din il-kunsiderazzjoni, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu japplika l-ligi kif inhi u mhux jaghti xi interpretazzjoni differenti minn dik imnizzla fil-Ligi stess;*

6. *Illi fir-rigward tar-raba' aggravju tal-appellant u cjoe' illi huwa ma giex infurmat fir-rigward abbazi ta' liema reati l-appellant instab hati ghalihom, l-esponenti tecepixxi illi fl-ewwel lok persuna li tinstab hatja ta' reat kriminali tkun konsapevoli li nstabet hatja o meno ghaliex fis-sistema gudizzjarja nostrana ma jinghatawx Sentenzi Kriminali in abstentia. Fit-tieni lok l-appellata tirrileva illi l-Pulizija Ezekuttiva tibghat lura formula background check mimlija mill-Pulizija stess fejn tali formula tindika x'tip ta' reat il-persuna instab hati. L-appellata ma tinghatax la kopja tas-Sentenza kriminali, la l-Kondotta u wisq anqas il-fedina penali. Il-kontrollur jew propjetarju ta' tali informazzjoni hija l-Pulizija ezekuttiva u mhux l-appellata. Xoghol l-appellata huwa li mbghad tara jekk tali sejbien ta' htija fuq tali reat jwassals omeno ghall-irtirar tas-security pass.*

   *Illi s-suespost qieghed jinghad fid-dawl tal-fatt illi huwa wisq ovvju illi r-rimedju li ghandu l-appellant huwa r-rimedju odjern quddiem tali Tribunal fejn fl-istess proceduri l-Pulizija Ezekuttiva jistghu jigu prodotti bhala xhieda sabiex jixhdu dwar l-istess Sentenzi Kriminali u informazzjoni mghoddija lill-appellata;*

7. *Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet maghmula mill-appellant fir-rikors in risposta fejn jinghad illi gew lezi l-principji tal-gustizzja naturali u cjoe' l-audi alteram partem u n-nemo iudex in causa propria jigi rilevat illi d-decizjoni tas-7 ta' Frar 2024 hija wahda amministrattiva u m'hijiex decizjoni ta' xi Qorti jew Tribunal. Huwa wisq ovvju illi bir-rimedju previst fir-regolament 11B tal-L.S. 405.04 dawn il-principji huma ben rispettati u applikati ghaliex il-process amministrattiv jiskatta bid-dritt ta' appell li jghaddi in gudikat. Ghalhekk din l-interpretazzjoni dejqa tal-appellant tal-process amministrattiv hija zbaljata kemm fattwalment kif ukoll legalment;*

8. *Illi l-esponent jadixxu lil dana l-Onorabbli Tribunal jichad it-talbiet tal-appellant in toto u dan bl-ispejjez kontra tieghu.*

Ra illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimata kienu ta' natura preliminari u għalhekk ġew trattati mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2024;

Peress illi fl-imsemmija seduta ħass li jkun għaqli li tinġab a konjizzjoni Tiegħu is-sentenza jew il-*background check* li sar mill-intimata u li fforma l-bażi tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal ordna lill-intimata tippreżenta tali prova;

Ra n-Nota tal-intimata ppreżentata fis-27 ta' Mejju 2024 li magħha ġew esebiti kopja tal-*background check* u kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 6 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ian Spiteri*;**

Sema' s-sottomissjonijiet ulterjuri fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2024;

Ra li l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimata.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 7 ta' Frar 2024, li permezz tagħha ġie mgħarraf li kien se jiġi rtirat l-*airport security pass* peress li kien instab ħati ta' reat li jaqa' fit-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 488 tal-2011 kif emendat b-Avviż Legali 454 tal-2012 u bl-Avviż Legali 27 tal-2014.

Illi fl-istess ittra r-rikorrent ġie nfurmat li kellu dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 11B tal-imsemmi Avviż Legali.

Għall-aħjar intendiment ta' din il-kwistjoni, it-Tribunal se jiċċita r-Regolament 11B tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 li jgħid is-segwenti:-

*Il-Manager għandu jinforma bil-miktub lid-detentur tas-security pass dwar l-irtirar msemmi fir-regolamenti 11 u 11A. Id-detentur tas-security pass għandu d-dritt japella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kontra l-irtirar tas-security pass fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-irtirar; appell kontra l-irtirar ta' security pass għandu jkun limitat għal waħda jew għaż-żewġ raġunijiet li ġejjin:*

*-illi r-reat in kwistjoni mhuwiex wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda; u, jew*
*-illi l-perjodu ta' rijabilitazzjoni previst fir-regolament 11A kien iddekorra*

Illi minn ħarsa lejn l-aggravji mressqa mir-rikorrent jirriżulta ċar illi ebda waħda minnhom ma tirrelata maż-żewġ raġunijiet imsemmija hawn fuq.

Pero` biex it-Tribunal ikollu stampa ċara abbażi ta' xhiex ittieħdet id-deċiżjoni appellata, ordna li tiġi esebita s-sentenza li ngħatat fil-konfront tar-rikorrent. Di fatti l-intimata esebiet kemm il-*background checks form* li saret fil-kaz in eżami, u kif ukoll sentenza tas-6 ta' Diċembru 2022 fejn ir-rikorent ġie misjub ħati, fost oħrajn, tar-reat ta' insulti/inġurji/offiża fuq uffiċjal inkarigat minn servizz pubbliku, u dana ai termini tal-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Ir-rikorrent kien ingħata sentenza ta' tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal erba' snin u multa ta' tmien mitt ewro (€800).

Illi l-imsemmi reat huwa wieħed minn dawk elenkati fit-Tieni Skeda tal-L.S. 405.04. Illi kif ġia` ntqal iktar 'il fuq, ir-Regolament 11B tal-imsemmija Legislazzjoni jagħti dritt lil min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-intimata jappella biss quddiem dan it-Tribunal jekk ir-reat ma jkunx wieħed imsemmi fit-Tieni Skeda, jew inkella jkun għadda l-perjodu ta' rijabilitazzjoni msemmija f'Regolament 11A, liema perjodu f'dan il-kaz huwa dak ta' għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza li tkun għaddiet in ġudikat.

Illi wara li t-Tribunal qies dawn iċ-ċirkostanżi kollha, iqis illi l-intimata għandha raġun fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħha. It-Tribunal ifakkar illi huwa m'għandux xi ġurisdizzjoni ġenerali biex jissindika kwalunkwe deċiżjoni amministrattiva, iżda għandu kompetenza limitata li toħroġ mil-liġijiet speċjali li jagħtuh kompetenza biex jiddeċiedi dwar materji partikolari. Fil-kaz tal-legislazzjoni in kwistjoni, il-legislatur ħass li l-uniċi żewġ materji li dan it-Tribunal jista' jissindika huma dawk elenkati iktar 'il fuq, dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal min iħossu aggravat li jressaq l-aggravji tiegħu kontra deċiżjoni tal-intimata quddiem il-forum kompetenti ai termini tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal jagħmel referenza għal dak sottomess mid-difensur tal-intimata fis-sottomissjonijiet finali fejn irrileva li in linea mas-sentenza ***Edward Keninwenimo Etete rappreżentat mill-mandatarju speċjali tiegħu Teinane Okpokiti v. Mediatoday Company Limited (C30987)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar 2024, dan it-Tribunal m'għandux jibgħat din il-kawza quddiem Qorti oħra u dana għaliex ir-rikorrent qiegħed proprju jikkontesta l-eċċezzjoni tal-inkompetenza.

Illi t-Tribunal jirrileva, illi sussegwenti għaċ-ċitata sentenza, il-Qorti tal-Appell, fil-11 ta' Marzu 2024, tat sentenza oħra fl-ismijiet ***Steward Malta Management Ltd. vs. Il-Kummissarju tat-Taxxi*** fejn intqal hekk:

*33. L-għan wara l-proviso ta' Art. 741(b) kien biex kwistjoni ta' kompetenza tinqata' fl-iqsar żmien possibbli u l-każ jintbagħat quddiem il-Qorti, bord, jew tribunal kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi l-każ. Fil-każ tal-lum il-kawża nfetħet fis-7 ta' Diċembru 2021. L-eċċezzjoni ta' kompetenza qiegħda tiġi deċiża b'mod finali kważi sentejn wara. Għalhekk hu ċar li nħela ħafna żmien*

*fuq l-eċċezzjoni ta' kompetenza. Dan żgur m'huwiex dak li ried il-leġislatur meta introduċa dik il-proviso.*

*34. Il-Kummissarju argumenta li l-proviso ma japplikax għall-każ in eżami ġialadarba l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza ġiet deċiża b'sentenza. Il-proviso jaqra hekk:*

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża".*

*35. F'dan il-każ ma ngħatax digriet in camera iżda l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti sentenza li ġiet appellata. Però hu evidenti li l-liġi ma tagħtix għażla lill-Qorti dwar jekk tagħtix sentenza jew digriet fejn tkun tal-fehma li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, kif wara kollox kien f'dan il-każ. Għalkemm Art. 730 tal-Kap. 12 jipprovdi li eċċezzjoni ta' kompetenza għandha tiġi deċiża b'kap għalih f'sentenza, hu evidenti li l-proviso ta' Art. 741(b) hu eċċezzjoni f'każ li l-Qorti tkun sodisfatta li l-eċċezzjoni hi ġustifikata.*

*36. Għaldaqstant, il-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tagħti sentenza minflok digriet in camera, m'għandux iċaħħad lill-attriċi mir-rimedju li joffri l-Art. 741(b) tal-Kap. 12. B'hekk din il-Qorti ser tordna t-trasferiment tal-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex b'hekk il-kwistjoni tiġi determinata darba għal dejjem mingħajr iktar ħela ta' żmien u proċeduri. Ovvjament dan bla preġudizzju għar-rekwiżiti li jissemmew fid-disa' skeda tal-Kap. 406 dwar il-proċedura ta' riferenza lit-Tribunal.*

Illi t-Tribunal jaqbel ma' din il-linja ta' ħsieb, u kif għamel diversi drabi fil-passat meta ddeċieda li ma kienx kompetenti jisma' u jiddeċiedi materja li tressqet quddiemu, ai termini tal-artikolu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta se jkun qiegħed jibgħat l-atti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, liema Qorti, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, għandha kompetenza tissindika u tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrent.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimata Aviation Security Malta u jiddikjara li mhux kompetenti jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi t-talbiet tar-rikorrent u se jkun qed jordna, permezz ta' digriet kamerali, li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom.

In vista ta' dan, it-Tribunal qed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2024.

Bl-ispejjeż ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrent.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

_________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**